# Il-Ħadd 02.08.2020

1. Bi prevenzjoni minħabba l-COVID-19, u minħabba l-iżviluppi li kellna din il-ġimgħa, infakkru fiċ-ċirkulari mibgħuta lilna mill-Kurja tal-Arċisqof li kull min jiġi għall-quddiesa għandu l-obbligu li:
   - jżomm id-distanza soċjali ta' 2 metri;
   - juża b'mod regolari s-*sanitizers* u jagħmel wkoll id-disinfettar tas-siġġijiet u oġġetti relatati;
   - jilbes il-*visor* jew il-maskra.

2. Illum 02/08:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, il-Mobile Blood Donation Unit ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tal-Qrendi sabiex tkunu tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

3. Il-Ħamis 06/08, **Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa bil-Parteċipazzjoni u l-Preżentazzjoni ta' dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Settembru li ġej.

4. Il-Ġimgħa 07/08, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni.

5. Avviżi oħra:
   - Infakkar li b'risq il-manutenzjoni tal-knisja, qed inbiegħu biljetti ta' Lotterija li min jitla' jista' jirbaħ inkwadru li juri l-istatwa ta' San Pawl.
   - Infakkar li għal jum tal-festa nixtiequ nagħmlu wkoll il-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq id-dawl tan-niċeċ ta' San Pawl u d-Duluri, it-tiswija tal-lanterna tal-knisja - minn ġewwa u minn barra, is-saqaf tal-knisja, u t-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Min għadu ma ġabarx il-boroż ħodor (tal-iskart riċiklabbli), jista' jagħmel dan mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali billi jippreżenta l-karta tal-Identità.
   - Qed jiġi organizzat *weekend break all inclusive* f'lukanda bejn is-7 u 9/08. Aktar dettalji u bookings mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sal-Erbgħa 5/08.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 225 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
   - € 60 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 105 bħala donazzjonijiet b'risq il-Festa u l-Karità.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.